

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Opċinski sud u Novom Zagrebu (il-Kroazja) fil-11 ta' Settembru 2015 – Ibrica Zulfikarpašić vs Slaven Gajer**

**(Kawża C-484/15)**

(2015/C 389/21)

Lingwa tal-kawża: il-Kroat

**Qorti tar-rinviju**

Opċinski sud u Novom Zagrebu, Stalna služba u Samoboru

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Ibrica Zulfikarpašić

Konvenut: Slaven Gajer

**Domanda preliminari**

Id-dispożizzjonijiet tal-liġi Kroata dwar l-eżekuzzjoni forzata li huma relatati mat-titolu eżekuttiv Ewropew huma konformi mar-Regolament (KE) Nru 805/2004 <sup>(1)</sup> u, b'mod iktar preċiż, fil-Kroazja, fil-proċeduri ta' adożżjoni ta' deċiżjoni ta' eżekuzzjoni abbażi ta' dokument awtentiku, il-kliem "imħallef", "tribunal" u "qorti" (iktar 'il quddiem "qorti") jinkludu wkoll in-nutara, in-nutara jistgħu joħorġu ċertifikati ta' titolu eżekuttiv Ewropew relatati ma' deċiżjonijiet ta' eżekuzzjoni definittivi u eżekuttivi li huma taw abbażi ta' dokument awtentiku meta d-deċiżjoni inkwistjoni ma ġietx ikkontestata u, fil-każ li huma ma jkunux jistgħu jagħmlu dan, qorti tista' toħroġ ċertifikat ta' titolu eżekuttiv Ewropew li jirreferi għal deċiżjoni ta' eżekuzzjoni adottata minn nutar abbażi ta' dokument awtentiku meta din id-deċiżjoni essenzjalment tirrigwarda kreditu mhux ikkontestat u, f'dan il-każ, liema formola għandha tintuża?

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar [Titolu Eżekuttiv Ewropew] għal talbiet mhux kontestati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 38).

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2015 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Bulgarija**

**(Kawża C-488/15)**

(2015/C 389/22)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Kružíková, E. Manhaeve u S. Petrova, bħala aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Bulgarija

**Talbiet**

- tikkonstata li, billi eċċediet kemm il-valuri limitu annwali u kemm dawk ta' kuljum għal PM10 b'mod sistematiku u mill-2007 sa mill-inqas 2013, b'dawn is-snin inklużi, fiż-żoni u fl-agglomerazzjonijiet segwenti: BG0001 agglomerazzjoni Sofia; BG0002 agglomerazzjoni Plovdiv; BG0004 iż-żona tat-Tramuntana tal-Bulgarija; BG0005 iż-żona tal-Lbiċ tal-Bulgarija u BG0006 iż-żona tax-Xlokk tal-Bulgarija;
- billi eċċediet il-valuri limitu ta' kuljum għal PM10 b'mod sistematiku u mill-2007 sa mill-inqas 2013, b'dawn is-snin inklużi, u l-valuri limitu annwali għal PM10 fl-2007, fl-2008 u fl-2010 fiż-żona BG0003 Varna;